MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 317/2005

Gasan Enterprises Limited
(C – 467)

vs

Tribag Limited u b'digriet ta' l-1 ta' Novembru, 2006 Alexander sive Sander Attard gie kjamat in kawza

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata l-5 t'April, 2005, li permezz taghha s-socjeta` attrici sejjhet lis-socjeta` Tribag Limited quddiem din il-qorti u ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi skont wiehed u tletin (31) kambjala hi kreditrici tas-socjeta` konvenuta Tribag Limited fis-somma ta' erbatax –il elf, seba' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin, u wiehed u disghin centezmu, (LM14,743.91);

2. Illi dawn il-kambjali kollha skadew fid-dati kif esposti fic-citazzjoni promotrici izda nonostante dan baqghu ma thallsux minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti minnha dovuti;

3. Illi billi l-kreditu tas-socjeta` attrici hu cert, likwidu u dovut, fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex ragunijiet validi xi tressaq u ghalhekk titlob li tigi adottata l-procedura sommarja a tenur tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi in vista tal-premess qed titlob li din il-qorti:

i. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbatax –il elf, seba' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu, (Lm14,743.91), dovuti skont wiehed u tletin (31) kambjala;

ii. Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess socjeta` konvenuta mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali sad-data tal-effettiv pagament;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu akkordat il-perjodu hemm indikat lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, (ara fol 20);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Mejju, 2005, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` konvenuta ma kinitx parti mil-kambjali in dizamina u li ghalhekk, l-ebda somma ma hi dovuta minnha lis-socjeta` attrici;

2. Illi l-kambjali in kwistjoni huma kollha ffirmati minn Alexander Attard;
3. Illi minkejja l-istess Attard iddikjara li kien qed jiffirma "*obo Tribag Ltd*" li taghha kien direttur, din id-dikjarazzjoni

kienet wahda abbuziva u inveritiera stante li ma kellu l-ebda awtorita` jiffirma tali kambjali ghan-nom tas-socjeta` konvenuta;

4. Illi l-istess kambjali gew hekk iffirmati kemm minn wara dahar is-socjeta` konvenuta kif ukoll id-diretturi l-ohra tal-istess socjeta`;

5. Illi Attard xtara l-karozza involuta ghall-uzu personali tieghu;

6. Illi skont il-paragrafu 10.1 tal-*Memorandum of Association* tas-socjeta` konvenuta kull dokument li jorbot lill-istess socjeta` ghandu jkun iffirmat minn zewg (2) diretturi taghha li ghandhom jagixxu flimkien;

7. Illi l-imsemmi Attard, ghalkemm direttur tas-socjeta` konvenuta, iffirma l-kambjali in dizamina wahda u indika l-indirizz tas-socjeta` konvenuta bhala dak personali tieghu;

8. Illi l-bord tad-diretturi tas-socjeta` konvenuta qatt ma awtorizza lill-imsemmi Attard biex jiffirma l-kambjali in dizamina wahdu;

9. Illi s-socjeta` attrici kienet *in mala fede* meta accettat il-kambjali u dan, ghaliex kienet taf, jew kien imissha taf, li Attard ma kienx awtorizzat jiffirma tali kambjali;

10. Illi l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex il-kambjali nhargu ghall-karozza ghall-uzu personali u allura, l-azzjoni odjerna hi *ultra vires* il-poteri tas-socjeta` konvenuta;

11. Illi jehtieg il-kjamat in kawza ta' Alexander Attard;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-1 ta' Novembru, 2006, li permezz tieghu ordnat il-kjamata in kawza ta' Alexander sive Sander Attard, (ara fol 97);

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-termini hemm lilha ndikati, (ara fol 179);

Rat id-digriet sussegwenti taghha datat it-28 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` attrici biex tipprezenta n-nota responsiva taghha fit-termini hemm ukoll lilha ndikat, (ara fol 186);

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta nkluz l-affidavitijietipprezentati;

Ezaminat ukoll ix-xhieda minnha mismugha;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet datati s-27 ta’ Gunju, u s-26 ta’ Lulju, it-tnejn tal-2012, (ara fol 181 u 194);

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` attrici u ta’ dik konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn tirrileva li nonostante li Alexander sive Sander Attard gie debitament kjamat in kawza u kien gie wkoll regolarment notifikat bl-istess kjamata, (ara rispettivament fol 97 u 101 *a tergo*), jirrizulta li dan l-istess kjamat baqa’ fi stat ta’ kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi din hi procedura li originarjament kienet monokromatika, stante li hi effettivament naxxenti minn xiri ta’ vettura mill-kjamat in kawza minghand is-socjeta` attrici;

Illi peress li l-istess kjamat in kawza iffirma wiehed u tletin (31) kambjala f’isem is-socjeta` konvenuta, din il-procedura hi essenzjalment azzjoni kambjarja fejn is-socjeta` attrici qieghda biss tiskwota l-imsemmija kambjali u xejn aktar;

Illi l-azzjoni hekk intrapriza mis-socjeta` attrici hi wkoll imsahha mill-fatt li l-istess kjamat in kawza kien indirizza ittra lill-istess socjeta`, datata t-30 ta’ Novembru, 1999, li

permezz taghha awtorizza lill-istess socjeta` tiddebita l-ammonti minnu dovuti lilha lis-socjeta` konvenuta Tribag Limited u irrinforza tali addebitament billi nformaha wkoll li hu kien debitament awtorizzat jiffirma l-imsemmija ittra ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` konvenuta, (ara fol 16);

Ikkunsidrat:

Illi pero` wara li bid-digriet taghha tal-1 ta' Novembru, 2006, li permezz tieghu din il-qorti diversament preseduta ordnat il-kjamata in kawza *de quo*, din il-procedura hadet xejra bi-polari stante li ma baqghetx esklussivament azzjoni kambjarja kif originarjament intavolata, (ara fol 97);

Illi ghalhekk essenzjalment, din il-procedura inizjata esklussivament bhala azzjoni kambjarja, fejn permezz taghha s-socjeta` attrici titlob li jigu enforzati l-kambjali regolarment iffirmati fil-pussess tas-socjeta` attrici kreditrici, sussegwentement, evolviet f'azzjoni normali ndirizzata wkoll kontra l-kjamat in kawza fuq riferit;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li kambjala regolarment iffirmata hi dikjarazzjoni ta' debitu insindakabbli u komplet fih innifsu, riskwotabbli immedjatament;

Illi f'dan il-kaz, kif gie abilment sottolineat mill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` attrici, l-effett ta' kambjala hu naxxenti mill-firma hemm postulata;

Illi tali firma fuq tali dokument immedjatament takkwista natura awtonoma w indipendenti mit-transazzjoni li minnha tista' tkun naxxenti, (ara fol 195 *et sequitur*) u d-decizjonijiet hemm indikati mill-istess abbli rapprezentant legali ndikat fil-paragrafu prededenti);

Illi ghalhekk kif ritenut f'**Gatt nomine vs Vassallo Gatt**, datata l-15 ta' Novembru, 1993:

" … appena kambjala tigi ammessa tigi kreata obbligazzjoni ad hoc, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din (azzjoni kambjarja), l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti";

Illi konsegwentement, kwalunkwe nuqqas jew addirittura, allegat abbuz li s-socjeta` konvenuta tirravviza fid-direttur taghha hawn kjamat in kawza mhux rilevanti ghal din il-vertenza partikolari u minflok ghandha tepurah direttament mieghu u mhux tuza l-istess agir illecitu bhala paraventu difensjonali biex jippriva lis-socjeta` attrici mid-drittijiet taghha;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, stante li l-imsemmi kjamat in kawza gie allura wkoll inkluz fil-procedura in dizamina ghandu jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

1. Illi effettivament jirrizulta assodat mix-xhieda prodotta li fil-mument tal-iffirmar tal-kambjali meritu tal-procedura odjerna, il-kjamat in kawza fuq riferit kien direttur tas-socjeta` konvenuta Tribag Limited;

2. Illi pero` jirrizulta wkoll debitament assodat *ai termini* tal-paragrafu 10.1 tal-*Memorandum of Association* tal-istess socjeta` konvenuta, (ara fol 32), li hadd mid-diretturi tal-istess ma seta' jagixxi wahdu ghan-nom u in rapprezentanza ta' din is-socjeta` u li tali azzjoni setghet minflok biss tittiehed minn zewg (2) diretturi konguntement;

3. Illi ghalhekk, meta l-istess kjamat in kawza ffirma **wahdu** l-kambjali in dizamina u anke, kiteb l-ittra datata t-30 ta' Novembru, 1999, lis-socjeta` attrici li permezz taghha nfurmaha li meta ffirma l-istess kambjali kien debitament awtorizzat mis-socjeta` konvenuta biex jiffirma l-istess ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess

socjeta` konvenuta, l-istess kjamat in kawza kien qed jagixxi b'mod inkonswet u mhux legalment suffragat kif minnu allegat;

4. Illi ghaldaqstant, u anke minhabba l-fatt li ghazel li jibqa' kontumaci, din il-qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li tistrieh fuq dawn ir-rizultanzi u tasal ghall-konkluzjonijiet naturali li tali rizultanzi jwassluha fih;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet tas-socjeta` attrici, u wkoll, anke tenut kont tal-pozizzjoni tal-kjamat in kawza kif fuq delineata:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Tribag Limited u lill-kjamat in kawza Alexander sive Sander Attard debituri *in solidum* tas-socjeta` attrici Gasan Enterprises Limited fl-ammont ta' erbatax –il elf, seba' mija u tlieta u erbghin Lira Maltin, u wiehed u disghin centezmu, (LM14,743.91), ekwivalenti ghal erbgha u tletin elf, tlett mija u erbgha u erbghin Ewro u seba' centezmi, (€34,344.07) dovuti lilha skont il-wiehed u tletin (31) kambjala fuq gia` riferiti;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta u lill-kjamat in kawza fuq indikati biex *in solidum* ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija socjeta` attrici;

3. Bl-ispejjez kif indikati mill-istess socjeta` attrici fic-citazzjoni promotrici taghha u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' kull skadenza partikolari tal-kambjali *de quo* sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta u l-kjamat in kawza *in solidum* kif fuq gia` stabbilit.

Onor.Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------